MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 288/2002/1

**Hannelore Engel, u ghal kull interess li jista' jkollhom Alexandra Engel u Gregor Alexander Engel**

**vs**

**Joseph u Maria konjugi Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni ppresentata mill-atturifit-12 ta' Marzu, 2002, li *in forza* taghha, wara li ppremettew illi:

L-attrici Hannelore Engel hija proprjetarja ta' zewg appartamenti enumerati 1 u 2, fl-ewwel u t-tieni sular rispettivament, tal-binja bl-isem *"Great Britain Flats"*, *Clarence Street, Guardamangia*;

L-awtur tal-atturi, id-defunt Alexander Engel, kien ippermetta lill-konvenuti juzaw appartament minnhom, precizament il-*flat* ta' taht (1), b'mera tolleranza, u dan *stante* li kienu hbieb intimi;

Din l-arrangament sar genwinament sabiex il-proprjeta' kollha tas-Sur Engel tkun okkupata, u *kwindi* ma tigix rekwizizzjonata. Fil-fatt saret skrittura bejn Alexander Engel u l-konvenuti li tirreferi ghaz-zewg appartamenti, u mhux biss ghal dak li l-konvenuti kienu qed jokkupaw b'mera tolleranza, kif inghad aktar 'l fuq;

Ghalhekk l-intendiment bejn il-konvenuti u l-awtur tal-atturi kien car, fis-sens li l-konvenuti setghu juzaw l-appartament numru 1 b'tolleranza, u li l-iskrittura surriferita ma kellha tohloq l-ebda irbit u / jew obbligazzjonijiet fuq entrambi l-partijiet;

Bil-mod il-mod il-konvenuti bdew idahhlu l-effetti taghhom fit-tieni appartament, li tieghu kellhom cavetta, tant illi llum il-gurnata entrambi l-appartamenti huma interament okkupati mill-konvenuti, haga li l-atturi ma ndunawx biha minnufih, *stante* li huma barranin u ma jirrisjedux hawn Malta;

Il-konvenuti m'ghadhomx aktar tollerati f'entrambi proprjetajiet, *stante* li l-intenzjoni tal-atturi hi li jergghu jiehdu lura l-proprjetajiet *in kwistjoni*;

Il-konvenuti rrifjutaw minghajr ebda raguni valida li jirritornaw il-pussess battal ta' din il-proprjeta', u dan minkejja li gew debitament interpellati sew bil-fomm, kif ukoll bil-miktub, u minkejja li ammettew aktar minn darba u b'diversi modi li m'ghandhom l-ebda jedd fuq din il-proprjeta';

Il-konvenuti qatt ma vvantaw xi jedd jew titolu fuq entrambi l-appartamenti, qabel ma' l-attrici Hannelore Engel talbithom irodduhom lura, anzi kif inghad aktar 'l fuq, ammettew l-oppost;

Ghalhekk il-konvenuti qieghdin jokkupaw l-appartamenti fuq deskritti minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara l-appartamenti numru 1 u 2 fl-ewwel u t-tieni sular rispettivament, tal-binja bl-isem *"Great Britain Flats"*, *Clarence Street, Guardamangia,* bhala okkupati mill-konvenuti minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

2. Tordna lill-istess konvenuti sabiex jizgombraw l-imsemmija appartamenti numru 1 u 2, *"Great Britain Flats", Clarence Street, Giardamangia*, u jirritornaw il-pussess battal tal-istess lill-atturi, u dan f'terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa.

Bl-ispejjes legali kontra l-konvenuti, u b'riserva ghad-danni kollha sofferti mill-atturi tul l-okkupazzjoni abbusiva tal-konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li *in forza* taghha ecepew illi:

1. *In linea* preliminari l-inkompetenza ta' din il-Qorti *in ratione materie* u dan *essendo* li l-intimati ghandhom titolu validu fil-ligi.

2. *In linea* preliminari wkoll l-atturi jridu jippruvaw it-titolu taghhom.

3. Hemm gia kawza pendenti quddiem l-Bord li Jirregola l-Kera (58/02/JC), liema kawza tikkoncerna l-fond *de quo*, u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprasjedi sakemm tigi deciza din il-kawza.

4. Fil-mertu u minghajr pregudizzju l-fond mertu ta' din il-kawza kien gie mikri lill-konvenuti b'sahha ta' kuntratt datat l-1 ta' Jannar, 1975 (kopja annessa u markata Dok A), kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti tal-14 ta’ Novembru, 2002, li biha cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti mizzewgin Azzopardi bhala mhix misthoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kontra taghhom, u ddikjarat li hija din il-Qorti li ghandha s-setgha tisma’ l-kawza mressqa quddiemha mill-atturi;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza kienet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza tikkoncentra fuq l-uzu tal-konvenuti tal-appartamenti numri 1 u 2, fl-ewwel u t-tieni sular rispettivament, fil-binja bl-isem *“Great Britain Flats”*, fi triq *Clarence, Gwardamangia*.  Il-konvenuti, fil-fatt, huma *in okkupazzjoni* ta’ dawn il-*flats*, u fil-waqt li l-atturi qed jitolbu l-izgumbrament taghhom mill-*flats* ghax qed jallegaw li l-okkupazzjoni taghhom hija bla titolu, il-konvenuti qed jallegaw titolu ta’ kera fuq l-istess appartamenti.

L-istorja bdiet hafna snin ilu meta il-mejjet Alexander Engel kien jghix hawn Malta gewwa Santa Venera, u kien jopera hawn Malta fabrika li taghmel *plastic parts* ghall-modelli.  Hu kellu fabbrika ohra l-Germanja, izda meta kien Malta, oht il-konvenuta kienet taghmilha ta’ *nanny* ghal-ibnu z-zghir.  Il-familja tal-konvenuti kienu wkoll joqghodu Santa Venera u minhabba din ir-relazzjoni saru hbieb.  Alexander Engel ried jimpjega lill-konvenuta fil-fabbrika tieghu, u ghal dan l-iskop kien hada kors il-Germanja.  Meta hi lestiet il-kors, giet lura Malta u bdiet

tmexxi u tiehu hsieb il-fabbrika li s-Sur Engel kellu hawn Malta.

Is-Sur Engel, apparti li kien sid id-dar fejn kien joqghod gewwa *Santa Venera*, kellu wkoll il-blokk bini maghruf bhala *“Great Britain Flats”* gewwa *Gwardamangia*. Dawn il-*flats* ghamlu zmien mhux okkupati u c-cwievet kienu f’idejn certu *Saviour sive Sunny Farrugia*. F’certu zmien, id-Dipartiment tad-Djar tefa ghajnejh fuq dawn l-appartamenti u peress li kienu jidhru mhux okkupati hareg *Requisition Order* fuq iz-zewg appartamenti. Il-konvenuti, biex jippruvaw jevitaw it-tehid ta’ pussess tal-appartamenti min-naha tal-awtoritajiet, bdew jirrangaw il-post biex jidher abitat u anke qalghu l-*main* tal-elettriku tal-*flat* ta’ fuq u kkominikaw l-elettriku mal-*flat* t’isfel biex il-post jidher li hu dar wahda u mhux tnejn, u dan peress li l-awtoritajiet tad-Djar kienu jidhru li riedu l-bini biex jintuza minn zewg familji. Peress li d-Dipartiment tad-Djar baqa’ jinsisti fuq dan il-post, il-konvenuti iddecidew li jizzewgu qabel ma kien ippjanat sabiex imorru jghixu fih. Fil-fatt, hekk ghamlu, u bil-kunsens tas-Sur Engel hadu c-cwievet tal-*flats* u bdew joqghodu fih. Wara li dahlu fih, talbu lis-Sur Engel li jipprovdilhom b’ktieb tal-kera sabiex ikollhom x’juru lil tal-*Housing*. Dan accetta biss li jipprovdilhom skrittura li fiha spjega li z-zewg appartamenti kienu mikrija lill-konvenut u l-kera hi mhallsa. Fuq l-iskrittura ma giex indikat l-ammont ta’ kera, u l-istess konvenuta ammettiet li s-Sur Engel qatt ma ried flus, tant li qalilhom lill-konvenuti li, jekk riedu jhallsu xi haga, setghu jghatuh 1 mill! Skond il-konvenuti talli s-Sur Engel kien ippermetta lill-konvenuti joqghodu fil-blokk, huma obbligaw ruhhom li, bhala kontrokambju, jiehdu hsieb il-*maintenance* u jhallsu d-dawl u ilma tad-dar li s-Sur Engel kellu f’Santa Venera. Peress li, milli jidher, kien hemm zmien meta s-Sur Engel kellu xi problemi mal-awtoritajiet Maltin, ma setghax jigi Malta, u ghalhekk il-konvenuti baqghu jindukraw il-post ta’ *Santa Venera*, anke sabiex id-dipartiment tad-djar ma jitfax ghajnejh fuqha, kif kien ghamel fuq l-appartamenti ta’ *Gwardamangia*. L-attrici tichad li sar ftehim f’dan is-sens, u anzi izzid li d-dar ta’ *Santa Venera* qatt ma saritilha manutenzjoni tant li hi kienet tinnota li kienet fi stat hazin ta’ manutenzjoni u tiswija.

Hi x'inhi, dan l-*"arrangament"* baqa' sejjer ghal-tul iz-zmien kollu li dam haj is-Sur Engel, bil-konvenuti jokupa l-apartament numru 1 fil-blokk taz-zewg appartamenti u dan bla ebda korrispettiv, hlief li l-konvenuti jghidu li kienu jiehdu hsieb id-dar tieghu ta' *Santa Venera*. L-appartament numru 2, li hu accessibbli biss minn tarag li jinsab fl-appartament numru 1 stess, kien ukoll attrezzat, *pero'*, kien jintuza minn familjari tas-Sur Engel waqt li jkunu Malta ghal-btala. Fil-frattemp, il-blokk bini gie wkoll *de-requisitioned*.

Wara li miet s-Sur Engel, il-mara tieghu, l-attrici Hannelore Engel, giet Malta, u uriet il-hsieb li tbiegh id-dar li kellu zewgha gewwa *Santa Venera*. Meta l-konvenuti gew informati b'dan, staqsew se jigri minnhom, u dan peress li l-okkupazzjoni taghhom tal-appartament kien b'xejn peress li, bhala korrispettiv, kienu jiehdu hsieb dik id-dar ta' *Santa Venera*. L-attrici qaltilhom li riedet lura dak il-*flat* ghaliha u, skond hi, il-konvenuti accettaw li johorgu mill-*flat*, basta jkollhom cans bizzejjed biex isibu post iehor. L-attrici accettat u ftehmu li l-konvenuti jivvakaw il-post fi zmien sena.

Gara, *pero'*, li l-konvenuti ddecidew li ma riedux johorgu mill-*flat*, u invokaw favur taghhom il-kirja li kien iffirma s-Sur Engel meta dahlu fil-post. Huma iddikjaraw ukoll li kienu lesti jixtru l-post bil-prezz ta' Lm15,000. L-attrici, *pero'*, riedet il-post ghaliha, u, f'kull kaz, is-somma offruta kienet, skond hi, baxxa wisq, bir-rizultat li peress ma sarx ftehim u l-konvenuti ma riedux johorgu mill-post, kellha ssir din il-kawza.

Id-difiza principali tal-konvenuti, hi li huma ghandhom titolu ta' kera fuq l-appartamenti numri 1 u 2 u dan, qed jallegawh *a bazi* ta' skrittura datata 1 ta' Jannar, 1975. Din l-iskrittura tghid hekk:

*"As of 1$^{st}$ January, 1975, Mr. Joseph Azzopardi of St. Rita House, Bordin Street, Msida, rents from the owner Mr. Alexander Engel, "Marisa" House, Msida road, Sta. Venera, Flat no. 1 and 2 of Great Britain Flats, Clarence*

*Street, Gwardamangia, for a period of one year of be extended by a further agreement – Rent for one year ending 31st December, 1975 has been received in cash".*

*Nonostante*, din l-iskrittura, jidher car mill-provi li dik il-kirja kienet fittizja, u l-iskrittura innifisha hija simulata b'mod assolut u dan peress li l-partijiet qatt ma kellhom l-intenzjoni jidhlu f'relazzjoni ta' sid u inkwilin ma xulxin. Il-fatt li l-kera li allegatament thallset fuq l-iskrittura kien ta' millezmu, jkompli jikkonferma li l-kirja kienet wahda fittizja. Dik l-iskrittura saret biss biex jigi evitat it-tehid tal-pussess tal-post *da parti* tad-Dipartiment tad-Djar, u dan billi l-konvenuti jkollhom x'juru u jiggustifikaw l-okkupazzjoni taghhom tal-fond. Fil-fatt, jidher li din l-iskrittura ma kienetx sodisfacenti ghad-Dipartiment, tant li l-konvenuti kellhom jizzewgu kmieni halli jidhlu jghixu fil-post u jxejnu kull attentat tal-*Housing* li jiehu pussess tal-fond. Kull ma sar, fil-fatt sar, ghal-ebda skop hlief biex jinnewtralizza il-hsieb tad-Dipartiment tad-Djar li jiehu taht idejh il-fond. Dan kollu jidher car mhux biss mid-deposizzjoni tal-konvenuta stess, izda wkoll minn ittra li l-istess konvenuti kienu kitbu lis-Sur Engel fl-1 ta' Dicembru, 1975, u li kopja taghha giet esebita fil-process. Il-kontenut ta' din l-ittra jindika car li l-kitba ta' lokazzjoni saret biss ghall-iskop indikat, u mhux ghax il-partijiet veru riedu jidhlu f'kuntratt ta' kera. F'parti mill-ittra, fil-fatt, jirreferu ghall-insistenza tal-*Housing inspector* fuq il-kaz, u jkomplu:

*"We're going to do all we can and won't let him have it. Anyway there is the furniture upstairs as well and we say that was rented to us with everything included. What we need now is a rent book stating the yearly rent for the house in Clarence Street etc. Between us we know we only have the lower part of the house"*

Diskors bhal dan jindika li, zgur fil-kuntest tal-*flat* ta' fuq, is-suppost kirja kienet fittizja. Ghar-rigward l-appartament t'isfel, ghalkemm il-konvenuti xtaqu li jhallsu kera, fil-fatt, is-Sur Engel ma riedx li *"jikri"* dak l-appartament u baqa' qatt ma hareg ktieb tal-kera. L-istqarrija tieghu li jekk il-konvenuti riedu jhallsu xi haga, setghu jaghtuh millezmu, jindika b'mod car kemm hu ma riedx flus ghall-

okkupazzjoni li l-konvenuti kienu qed jaghmlu tal-*flat*. Il-ftehim reali bejn il-partijiet ma kienx wiehed ta’ uzu tal-*flat* versu korrispettiv fi flus, izda *se mai*, li l-konvenuti jithallew igawdu dak il-*flat*, bil-patt li huma jehdulu hsieb id-dar li kellu gewwa *Santa Venera*.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “Azzopardi vs Attard”, decisa fil-5 ta’ Mejju, 1989, jekk *“kuntratt”* ta’ lokazzjoni ma jkunx intiz li jkollu effett bhala tali, dak il-kuntratt ghandu jitqies simulat u *kwindi* null u mhux enforzabbli. Anke f’dan il-kaz, l-iskrittura ta’ lokazzjoni saret ghal-skopijiet ohra u mhux bis-servi ta’ obbligazzjoni bejn il-partijiet. Il-ftehim kien fil-fatt wiehed verbali, dak ta’ uzu tal-*flat* ghal-skop temporanju.

Darba li jirrizulta li l-*“iskrittura tal-kera”* tal-1 ta’ Jannar, 1975, kienet fittizja, u darba jirrizulta wkoll li l-allegat korrispettiv ghall-okkupazzjoni tal-*flat* ma kienx jikkonsisti f’somma ta’ flus determinata, jehtieg issa jigi ezaminat jekk l-arrangament allegatament milquh bejn il-partijiet johloqx titolu ta’ kera favur il-konvenuti.

L-artikolu 1526(1) tal-kodici civili jiddefenixxi l-lokazzjoni bhala:

*“Il-kiri ta’ haga hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti lill-ohra t-tgawdija ta’ haga, ghal-zmien miftiehem u b’kera miftiehem, li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha”.*

L-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “Cremona Barbaro vs Bezzina”, decisa fit-12 ta’ Jannar, 1988, osservat li persuna ma tistax tikkampa titolu ta’ lokazzjoni meta l-korrispettiv ikun jikkonsisti fl-ghoti ta’ servigi. Dan il-punt kien gie decis precedentement mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (allura presjeduta mill-Magistrat, illum Onor. Imhallef, J. D. Camilleri), fil-kawza “Bezzina vs Conti Borda”, decisa fit-22 ta’ April, 1981, fejn dik il-Qorti irriferit ghal-gurisprudenza anterjuri fil-materja u kwotat fejn intqal li *“la convenzione colla quale una delle parti lascia all’altro il godimento di una cosa per un equivalente che non consiste ne in una somma di denaro*

*ne in una determinata quantita' di derrate o di una porzione di frutti ma in altri oggetti, mobbli ed immobbli, a darsi sia in proprieta' sia in godimento od in servigi, non costituisce gia una locazione propriaminto detto, bensi un contratto innominato"* – Vol. XX1.1.96. F'din il-kawza saret ukoll referenza ghas-sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) moghtija fit-12 ta' Dicembru, 1969, fil-kawza "Xuereb vs Camenzuli" u fis-17 ta' Dicembru, 1971, fil-kawza "Schembri vs Briffa".

L-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vassallo vs Vassallo", decisa fit-18 ta' Mejju, 1964, osservat ukoll li l-hlas ta' ilma u elettriku mhux korrispettiv li jaghti dritt ta' lokazzjoni, u l-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza "Micallef vs Grech", decisa fl-10 ta' Frar, 1983, ukoll affermat il-principju li post moghti ghall-uzu ta' persuna bhala kumpens ghas-servigi rezi, ma jaghtix lill-dik il-persuna titolu ta' lokazzjoni fuq dak il-post. Hekk ukoll il-Qorti tal-Magistrati (Malta), (allura presjeduta mill-Magistrat, illum Imhallef, G. Valenzia) fil-kawza "Cassar vs Marsten", decisa fit-23 ta' Jannar, 1990, kompliet tafferma li l-fatt li ko-okkupant ta' fond ihallas parti mill-kera, u sehemu mill-kontijiet tad-dawl u ilma tal-post, ma jaghmlux ko-inkwilin tal-istess fond.

Aktar ricenti din l-Onorabbli Qorti fil-kawza "Abela vs Abela", decisa fis-27 ta' Jannar, 2003, osservat li l-fatt li persuna tibqa' fil-fond, thallas l-elettriku u l-ilma, taghmel tibjid u tiehu hsieb il-manutenzjoni tal-fond, u thallas ic-cens ma jwassalx li jinholoq kuntratt ta' lokazzjoni (ara wkoll "Cardona vs Cuschieri", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Gunju, 1970; "Farrugia vs Farrugia", decisa wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-26 ta' Lulju, 1979, u "Dimech vs Debono", decisa mill-istess Onorabbli Qorti fil-21 ta' Ottubru, 1986).

Il-konvenuti f'din il-kawza qatt ma hallsu kera ghall-okkupazzjoni taghhom tal-fond u lanqas ma thallas *"una determinata quantita di derrate"*; il-korrispettiv allegat kien li huma jiehdu hsieb id-dar tas-sid gewwa *Santa Venera*, u kienu jhallsu wkoll il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u c-cens fuq

il-post li kienu jokkupaw. *Kwindi*, anke jekk saru, dawn il-hlasijiet u korrispettiv, kif intwera, ma joholqux titolu ta' lokazzjoni favur il-konvenuti. L-allegazzjoni li sar hlas ta' millezmu ghal sena kera, mhux qed tittiehed bis-serjeta' minn din il-Qorti.

L-unika titolu reklamat mill-konvenuti huwa dak ta' lokazzjoni, u darba din ma gietx sostnuta, kwalunkwe pretiza li l-konvenuti seta' kellhom fuq il-post spicca. Ghal kull buon fini jista' jizdied li anke jekk l-uzu tal-konvenuti tal-appartament f'*"Great Britain Flats"* kien rizultat ta' ftehim, ossija obbligazzjoni personali bejn is-Sur Engel u l-konvenuti, din l-obbligazzjoni kienet *se mai* tobbliga lis-Sur Engel jippermetti lill-konvenuti jkomplu juzaw il-fond dment li dawn jiehdu hsieb il-manutenzjoni tad-dar tieghu gewwa *Santa Venera*. Din hi obbligazzjoni personali li kienet patwita bla terminu ta' zmien, u kienet dipendenti fuq kondizzjoni rizoluttiva li l-konvenuti jkompli jiehdu hsieb id-dar tas-Sur Engel. Kif inghad ma giex miftiehem ebda zmien ghal-obbligazzjoni u lanqas ma gie projbit li s-Sur Engel jiddisponi mid-dar ta' *Santa Venera* u, b'hekk, jirrizolvi u jgib fi tmien il-ftehim. Fil-fatt, l-eredi tas-Sur Engel iddisponiet mid-dar ta' *Santa Venera* billi bieghatu lill-terzi, u *kwindi* gie terminat il-ftehim. Is-servigi prestati mill-konvenuti ma kienux aktar rikjesti u mehtiega, u *kwindi* giet fi tmiem l-obbligazzjoni li kienet marbuta mal-ghoti ta' dawk is-servigi.

Il-konvenuti jecepixxu wkoll li l-attur jridu jippruvaw it-titolu taghhom ta' proprjeta' fuq il-fond *in kwistjoni*. Tajjeb li jinghad li biex attur jitlob l-izgumbrament ta' haddiehor minn fond mhux mehtieg li jkun proprjetarju shih tal-fond; kemm usufruttwarju (<u>"Abela vs Abela"</u>, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 5 ta' Marzu, 2003), u kemm ko-proprjetarju (<u>"Theuma Castellati vs Sant Manduca"</u>, decisa min din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 1955) ghandu certament id-dritt li jazzjona wahdu ghat-tehid lura tal-fond. *Inoltre*, kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza <u>"Farrugia noe vs Borg"</u>, decisa fit-30 ta' Marzu, 2001, biex l-attur iressaq talba ta' zgumbrament ghax il-konvenut ikun qed jokkupa l-fond bla titolu, hu bizzejjed li l-attur jipprova *prima facie* li l-fond kien ta' proprjeta' tieghu.

F'dan il-kaz jirrizulta mill-provi li l-proprjetarju tal-fond *in kwistjoni* kien is-Sur Alexander Engel, u dan il-fatt kien rikonoxxut ukoll mill-konvenuti. Gie ippruvat wkoll li l-atturi huma l-armla u l-ulied tal-mejjet Alexander Engel, u li dawn, kollettivament jew individwalment, huma l-eredi tieghu u jkomplu, ghalhekk, fil-personalita' guridika tad-*de cujus*. *Kwindi*, l-eccezzjoni relattiva tal-konvenuti ghandha tigi michuda peress li jirrizulta li l-atturi ghandhom l-interess mehtieg biex jippromuovu din il-kawza.

It-talba ghas-soprassessjoni ma gietx sostnuta u din il-kawza thalliet tiehu l-kors normali taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi, u ghal-fini tat-tieni talba tipprefiggi terminu ta' xahrejn mil-lum, biex il-konvenuti jivvakkaw l-appartamenti numru 1 u 2, *"Great Britian Flats"*, *Triq Clarence, Gwardamangia,* u jirrilixxjaw l-pussess battal tal-istess favur l-atturi.

L-ispejjes tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------